## L-ORATORJU TA' SAN GWANN

(Jaqbad mill-paġna 3)

b'dana kollu, għadhom ma rawħx, avolja jistgħu jarawh faċilment u bla ma jħallsu flus fl-ewwel Ħadd ta' kull xahar.

Kemm hu sabiħ u artistiku dak il-kwadru! Fiċ-ċentru: il-Qaddis mixħut rasu mal-art, b'rasu kważi maqtugħa minn ġismu, id-demm iċarċar minha, idejh marbutin wara, għajnejh nofshom magħluqin qed joffri ruħu 'l Alla bħala vittma tal-inġustizzja umana. Max-xellug, f'arkata ta' iġsma ta' nies li ħadu sehem fid-delitt fahxi, jidhru il-manigold bla qalb b'sikkina f'idu lest biex bla ħniena jagħti l-aħħar kolp u jifred għal kollox ir-ras mill-ġisem; ħdejh; il-kalzrier qed jagħti l-aħħar ordni biex jingħata tmiem għad-delitt; ħdejh mara xwejħa b'idejha ma' wiċċha turi t-tkexkix tagħha; u fix-xellug tagħha xbejba inklinata bi platt kbir f'idejha qed tistenna li jagħtuha f'dak il-platt ir-ras ta' San Gwann, ħa teħodha lil sidtha.

Kemm sentimenti diversi f'dik ix-xena: manswetudni, kefrija, setgħa, tkexkix u ndifferenza! Kollox taħt kontrast qawwi ta' dawl u ta' dell, karatteristika karaveġġjana. Fid-dlam, minn tieqa bil-ħadid, tnejn min-nies jittawlu: forsi żewġ segwaċi tal-martri.

L-awtur ta' dak il-kwadru sabiħ ħalla ismu miktub fuqu fid-demm li qed iċarċar minn ras il-maqtul, u ħadd ma jista' jiddubita mill-awtentiċita' ta' dak il-kwadru msemmi mal-Ewropa u mad-dinja kollha.